7 ta' Novembru, 1951
Imħallef:
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
Giovanni Micallef et. *versus* Anthony Scicluna et.

**Sentenza — "Omessa Decisione" — Nullità.**

*Sentenza mogħtija mingħajr ma tiġi deċiża b'kap appostu jew separat, qabel jew fl-istess sentenza, l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenut, tajjeb jew ħażin, tan-nullità ta' promessa msemmija fl-avviż u li tifforma l-kawżali tat-talba, hija nulla. Din in-nullità hija sollevabili "ex officio".*

Fuq talba ta' l-atturi b'avviż quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenuti biex jikkonsenjaw iċ-ċwievet tal-fond nru. 27 Behind the Barracks Street, il-Birgu, peress li huma krew-hulhom kif jitbattal, wara li saret id-dikjarazzjoni, għall-fini tal-kompetenza, li l-kera hu ta' £6. 10. 0 fis-sena, bl-ispejjeż; u fuq l-eċċezzjoni tal-konvenuti illi ma sar ebda ftehim ta' kera, u, jekk għamlet xi promessa l-konvenuta, din hija nulla għax saret mingħajr inkariku u approvazzjoni tal-konvenut, il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati, b'sentenza tat-12 ta' Ottubru 1951, laqgħet it-talba ta' l-atturi, bl-ispejjeż, u kkundannat lill-konvenuti jikkonsenjaw iċ-ċwievet in kwistjoni fi żmien tmint ijiem, peress li l-konvenuti msejħin biex iwieġbu għan-nota tal-mistoqsijiet ta' l-atturi naqsu u ma dehrux, u għal-hekk il-mistoqsijiet ittieħdu b'mistqarra;

Il-konvenuti b'nota appellaw, u b'ċitazzjoni talbu r-revoka tas-sentenza fuq imsemmija; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Il-Qorti rat l-attijiet kollha tal-kawża u semgħet l-avukati;

Il-Qorti tirrileva li, tajjeb jew ħażin, il-konvenuti taw l-eċċezzjoni tan-nullità tal-promessa msemmija fl-avviż u li tifforma l-kawżali tat-talba. L-Ewwel Qorti ma ddeċidietx dik l-eċċezzjoni, u l-ommissjoni tad-deċiżjoni b'kap apposta u separat qabel jew fis-sentenza ġġib in-nullità tas-sentenza; u dina hija sollevabili "ex officio";

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell fis-sens li tiddikjara nulla s-sentenza appellata, u tirrinvija l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-appellati.